MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Numru. 104/2008

**Il- Pulizja**
**(Spettur Angelo Gafa`)**

**Vs**

**Marquita Farrugia**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Marquita Farrugia ta’ 23 sena, bint Gaetano u Mary Anne nee` Azzopardi, imwielda l- Pieta fit- 22 ta’ Awissu, 1984, residenti f’ 32, Melina, Triq il- Kappillan Valletta, Hamrun u detentrici tal- karta ta’ l- Identita bin- numru 482084(M);

Akkuzata talli f’ dawn il- Gzejjer, fl- 4 ta’ Jannar, 2008, mexxiet biljetti tal- flus Euro falsifikati, meta kienet taf li kienu falsifikati;

Kif ukoll talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, kif ukoll kellha fil- pussess taghha, biljetti tal- flus Euro falsifikati, meta kienet taf li l- istess biljetti tal- flus kienu falsifikati;

U aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmulha b' rizoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' mitt Euro (€ 100) ghad- dannu ta' John Pace u Maria Borg;

Il- Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil- kaz ta' htija, barra li tinfliggi l- pieni stabbilita mill- Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l- oggetti kollha esebiti.

Il- Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill- akkuzat ghall- hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil- proceduri hekk kif ikkontemplat fl- Artikolu 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-koperazzjoni ta' l-imputata mal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom, l-ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta' l-imputata , in-natura tar-reati u c-cirkostanzi li fihom il-flus falsifikati gew f'idejha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk hija tikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------